**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 8 ta' Marzu 2018**

**Pulizija**

**Spettur Matthew Vella**

**Vs**

**Clayton Borg**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Clayton Borg, ta' 25 sena, iben Francis Xavier Borg u Josianne Borg nee' Brincat, imwieled Pieta', fl-4 t'April 1992, u li joqghod, Binja Vista, Ent. E, Flat 6, Triq il-Konti G.A. Ciantar, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija 199992;

Talli f'Ottubru 2016, fil-granet u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmien differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) B'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' inqas minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu ta' HSBC Bank Malta plc u/jew diversi klijenti ta' l-istess bank;

2) Aktar talli minghajr awtorizzazzjoni uza *computer* jew xi taghmir jew apparat iehor biex dahal f'xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-*computer* jew f'xi *computer* iehor, jew uza, ikkopja jew immodifika kull *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk;

3) Aktar talli minghajr awtorizzazzjoni ghamel *output* ta' xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg mill-*comupter* li jkunu qeghdin jinzammu fih, sew billi dawn jittellghu bi xbieha jew b'kull mod iehor li jkun;

4) Aktar talli minghajr awtorizzazzjoni kkopja kull *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg ghal kull medjum ta' hzin li ma jkunx dak li soltu jinzamm fih jew ghal mkien differenti fil-medjum ta' hzin fejn soltu jinzamm;

5) Aktar talli minghajr awtorizzazzjoni ha pussess ta' xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamel uzu minnhom;

6) Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba, sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbilita mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kolla esebiti;

7) Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit-8 ta' Marzu 2018, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk setghet tittratta mal-imputat b'mod sommarju;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-ammont dovut lil HSBC Bank Malta plc kien thallas ghas-saldu qabel ma nbdew dawn il-proceduri;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 310, 337C (1)(a)(b)(c) u (f), 337C (3)(b), 337C (4) u 337F (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**